32006H0221

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

ta' l-14 ta' Marzu 2006

dwar il-kwittanza li trid tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward ta' l-implimentazzjoni ta' l-operazzjonijiet tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (Is-Seba' EDF) għas-sena finanzjarja 2004

(2006/221/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra ir-Raba' Konvenzjoni ta' l-ACP-KE, iffirmata f'Lomé fil-15 ta' Diċembru 1989, kif emendata bil-Ftehim iffirmat f'Mauritius fl-4 ta' Novembru 1995,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Intern 91/401/KEE dwar l-għajnuna finanzjarja u amministrattiva tal-Komunità taħt ir-raba' Konvenzjoni ta' l-ACP-KE [1], li jistabbilixxi, fost l-oħrajn, is-Seba' Fond Ewropew għall-Iżvilupp (Is-Seba' EDF) u partikolarment l-Artikolu 33(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament Finanzjarju tad-29 ta' Lulju 1991 applikabbli għall-koperazzjoni ta' żvilupp finanzjarju taħt ir-Raba' Konvenzjoni ta' l-ACP-KE [2], u partikolarment l-Artikoli 69 sa 77 tiegħu,

Wara li eżamina l-kont tad-dħul u ta' l-infiq u l-*balance sheet* relatati ma' l-operazzjonijiet tas-Seba' EDF kif kienu fil-31 ta' Diċembru 2004 u r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri għas-sena finanzjarja 2004 flimkien marrisposti tal-Kummissjoni [3],

Billi skond l-Artikolu 33(3) tal-Ftehim Intern, il-kwittanza għat-tmexxija finanzjarja tas-Seba' EDF trid tingħata lill-Kummissjoni mill-Parlament Ewropew fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill.

Billi l-implimentazzjoni totali mill-Kummissjoni ta' l-operazzjonijiet tas-Seba' EDF matul is-sena finanzjarja 2004 kienet sodisfaċenti,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Parlament Ewropew jagħti lill-Kummissjoni kwittanza fir-rigward ta' l-implimentazzjoni ta' l-operazzjonijiet tas-Seba' EDF għas-sena finanzjarja 2004.

Magħmul fi Brussell, nhar il-14 ta' Marzu 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
K.-H. GRASSER

---

[1] ĠU L 229, 17.8.1991, p. 288.
[2] ĠU L 266, 21.9.1991, p. 1.
[3] ĠU C 301, 30.11.2005, p. 249.